# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel*

**2006/0134(CNS)**

1.3.2007

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' pjan plurijennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u l-industriji tas-sajd li jisfruttaw dawn l-istokkijiet.
(COM(2006)0411 – – C6-0281/2006 – 2006/0134(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Christofer Fjellner

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Is-sitwazzjoni tal-merluzz fil-Baħar Baltiku hija waħda serja. Minkejja t-tnaqqis fil-kwoti tas-sajd fis-snin reċenti, taqsimiet mill-istokk tal-merluzz qabżu l-limiti bijoloġiċi ta' sikurezza. Din hija theddida serja għall-ambjent marittimu uniku u *sensittiv ħafna* tal-Baħar *Baltiku*. Huwa importanti, kemm mil-lat ambjentali kif ukoll f'termini ta' aċċess fil-ġejjieni għall-merluzz, li jitħarsu l-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku.

Hija r-responsabiltà komuni tagħna li *nagħmluha* possibbli wkoll li jkun jista' jsir is-sajd għall-merluzz fil-Baħar Baltiku fil-ġejjieni. Ir-regolamenti eżistenti huma pass fid-direzzjoni t-tajba iżda m'humiex se jgħinu jekk mhux se jkun hemm konformità magħhom. Għalkemm it-theddidiet għall-merluzz u, għalhekk, għall-Baħar Baltiku, huma *numerużi* u kumplessi, madankollu l-akbar theddida hija s-sajd illegali. Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) *jikkalkula* li s-sajd illegali tal-merluzz jirrappreżenta bejn 35% u 45% tal-merluzz li jittella' l-art mill-istokk tal-Lvant. L-iktar metodu importanti ta' kif ikunu mħarsa l-istokkijiet tal-merluzz m'huwiex, għalhekk, it-tidħil ta' regoli ġodda għas-sajd tal-merluzz imma pjuttost garanziji li jkun hemm konformità mar-regolamenti eżistenti u għalhekk, dan il-qasam irid jingħata prijorità.

Hija r-responsabilità ta' l-Istati Membri li jassiguraw il-konformità ma' dan ir-regolament. Bħalissa, huwa evidenti li jeżistu nuqqasijiet serji fil-mod kif qed jerfgħu din ir-responsabilità. Din is-sitwazzjoni hija ta' detriment kemm għall-*istokkijiet* tal-merluzz kif ukoll għall-ambjent tal-Baħar Baltiku. Peress li l-Komunità m'għandhiex l-abilità li tikkontrolla l-attivitajiet tas-sajd hija stess, jew li timponi pieni għas-sajd illegali, l-isforzi tagħha għandhom jikkonċentraw fuq id-diversi metodi li bihom tipperswadi lill-Istati Membri jinfurzaw dan ir-regolament.

L-istokkijiet tal-merluzz huma affettwati wkoll mill-fatt li ammont *kbir wisq* ta' merluzz *ittella'* l-art meta kien għadu żgħir u meta kien *irnexxielu* jbid darba biss, u xi drabi l-anqas darba. Konsegwenza diretta ta' dan hija li t-*tkabbir* ta' l-istokkijiet ibati u li l-*kapaċità* li l-istokkijiet *jirkupraw* titnaqqas. Ta' min jinnota wkoll li l-valur fis-suq tal-ħut li fl-aħħarnett jittella' l-art huwa aktar baxx għax il-merluzz li jkun inġieb l-art ikun żgħir wisq.

Sabiex ikun evitat li l-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku jikkrollaw, għandha tinżamm allokazzjoni stretta ta' kwoti. Għandu jkun possibbli li jkunu segwiti l-evalwazzjonijiet xjentifiċi annwali ta' l-istokk tal-merluzz, li fuqhom isiru d-deċiżjonijiet tal-Kunsill, mingħajr restrizzjoni. L-ambjent u l-aspett li jħares lejn medda twila ta' żmien huma l-interessi primarji, u mhux l-objettivi soċjali u politiċi fuq perjodu qasir.

Kollox ma' kollox, sabiex ikunu mmaniġġjati l-ambjent u s-sajd għall-merluzz fil-Baħar Baltiku, jeħtieġ li jkun hemm politika ġdida dwar l-industriji tas-sajd, politika li ġġiegħel lis-sajjieda nfushom, *madwar* l-Unjoni kollha, iħossu u *jerfgħu* r-responsabilità għas-sopravivenza ta' l-istokk. Sistema li *rriżultat* effettiva fil-ħarsien ta' l-istokkijiet tal-ħut, u li għinet lis-sajjieda jkomplu jaqilgħu ħobżhom, hija l-ITQ (il-kwoti *individwali trasferibbli*). *L-ITQs* jagħtu drittijiet individwali għas-sajd billi jagħtu lis-sajjieda kwota individwali għal kull speċi, għal kull zona tas-sajd u għal kull sena. Għall-ewwel il-kwota totali hija stabbilita minn awtorità xierqa, eż. il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), u *mbagħad* hija stabbilita skond il-proposti magħmula mill-organizzazzjonijiet tas-sajjieda

stess.

*L-ITQs* jipprovdu lis-sajjieda b'inċentivi biex ma jaqbdux ħut żejjed peress li dan għandu konsegwenzi detrimentali *diretti* fuq perjodu twil. Hu fl-interess dirett tas-sajjied stess li jkun konformi mar-regoli, li jimmonitorja u jikkumbatti s-sajd illegali u li jipproteġi z-zoni fejn *ibid* il-ħut. Peress li *l-ITQs* jistgħu jinbiegħu, hemm ukoll possibilità realistika għal kull sajjied li jixtieq jabbanduna l-professjoni li jistabbilixxi *bażi* biex jibda karriera ġdida. *L-ITQs* intużaw b'riżultati tajba fin-New Zealand, fl-Alaska u fl-Iżlanda.

Is-sajd għall-merluzz fil-Baħar Baltiku jista' jintuża bħala proġett pilota *għall-ITQs* fl-UE. Hija zona ta' sajd *limitata* b'żewġ *stokkijiet* ta' merluzz iżda b'distanzi relattivament qosra biex is-sajjieda jiċċaqilqu bejn iz-zoni tas-sajd u l-istokkijiet.

Fil-qosor, *qed jiġu pproposti l-miżuri li* ġejjin:

1. Fid-Suddiviżjonijiet 25-32, ir-rata ta' mortalità minħabba s-sajd tiġi stabbilita bħala 0. Dan ifisser li ma jitħalla jsir ebda sajd.

2. Jiddaħħlu rekwiżiti aktar stretti għall-kontroll *u l-pieni min-naħa ta' l-Istati Membri* għas-sajd illegali għall-merluzz, u jingħataw istruzzjonijiet lill-Kummissjoni *biex* issemmi u tippubblika lista ta' dawk l-Istati li jinstab li jkunu qed jonqsu f'dan ir-rigward.

3. Jitkabbar id-daqs permessibbli minimu għall-merluzz li jittella' l-art għal 40 ċm, biex b'hekk il-merluzz jingħata aktar opportunitajiet li jnissel u b'hekk isaħħaħ l-istokk.

4. Ix-xjenza titħalla tiddetermina d-daqs tal-kwoti tal-merluzz u l-Istati Membri ma jitħallewx jinjoraw l-aspetti ambjentali meta jkunu qed jiġu stabbiliti l-kwoti.

5. Hi u tagħmel l-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tesplora l-possibilitajiet li ddaħħal *l-ITQs* għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u, b'hekk, iżżid l-inċentivi għal sajjieda individwali biex iħarsu l-istokkijiet.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel jistieden lill- Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

| Test propost mill-Kummissjoni[1] | Emendi tal-Parlament |
|---|---|

Emenda 1
Premessa 1

| | |
|---|---|
| (1) Recent scientific advice from the | (1) Parir xjentifiku riċenti mill-Kunsill |

[1] Għadu mhux ippublikat fil-ĠU.

International Council for the Exploration of the Sea (ICES) indicates that the cod stock in ICES Subdivisions 25 to 32 of the Baltic Sea has declined to levels where it is suffering from reduced reproductive capacity and that the stock is being harvested unsustainably.

Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) jindika li l-istokk tal-merluzz fis-*Suddiviżjonijiet* 25 sa 32 ta' l-ICES tal-Baħar Baltiku naqas għal livelli ***barra l-limiti bijoloġiċi ta' sikurezza***, fejn qed isoffri minn tnaqqis fil-kapaċità reproduttiva, u li l-istokk qed jiġi *sfruttat* b'mod li m'huwiex sostenibbli.

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament Bażiku tal-Politika Komuni għas-Sajd 2371/2002/KE jiddefinixxi limiti bijoloġiċi ta' sikurezza u ż-żewġ stokkijiet tal-merluzz tal-Baltiku huma taħt dan il-livell.*

Emenda 2
Premessa 2 a (ġdida)

***(2a) Pjan ta' mmaniġġjar plurijennali b'saħħtu u sostenibbli biżżejjed għall-industrija tas-sajd tal-merluzz, ibbażat fuq il-prinċipju prekawzjonarju, jippermetti l-istabbiliment ta' industrija tas-sajd sostenibbli, permanenti u ħafna akbar minn dik t'issa.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-merluzz hu importanti għall-ekosistema tal-Baltiku kollha kemm hi; Fi żmien medju u twil, huwa ta' vantaġġ kemm għas-settur tas-sajd kif wkoll għall-ekosistema li jkollha ż-żmien biex tirkupra u li jittieħdu miżuri stretti ħafna biex jagħtu ċans biex dan iseħħ. Jekk ma neħdux azzjoni malajr inkunu qed nirriskjaw li niltaqgħu ma' l-istess problemi li rajna f'Newfoundland.*

Emenda 3
Premessa 3

(3) ***Measures need to be taken to establish a multi-annual plan for fisheries management of the cod stocks in the Baltic Sea.***

(3) ***Pjan ta' mmaniġġjar plurijennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku ġie adottat permezz ta' l-awspiċju tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Industrija tas-Sajd fil-Baħar Baltiku (International Baltic Sea Fishery Commission - IBSFC) fl-2003.***

Emenda 4
Premessa 3 a (ġdida)

***(3a) Id-diviżjoni tal-Baħar Baltiku f'parti tal-Punent (Suddiviżjonijiet ta' l-ICES 22, 23 u 24) u f'parti tal-Lvant (Suddiviżjonijiet ta' l-ICES 25 sa 32) hi determinata mill-fatt li huma ekosistemi separati b'karatteristiċi differenti għal kollox.***

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li tinżamm id-diviżjoni tal-Baħar Baltiku f'żewġ partijiet separati peress li huma żewġ ekosistemi b'karatteristiċi differenti għal kollox. Għalhekk il-kwoti jridu jiġu ffissati għal kull waħda miż-żewġ partijiet. Jekk ma jinżammux separati hemm ir-riskju li l-biċċa l-kbira tas-sajd iseħħ biss f'waħda mill-partijiet, u li dik il-parti tal-Baltiku tirriskja titbattal totalment (mill-merluzz). L-ikbar parti, dik tal-Lvant, hi unika u l-istokkijiet tal-merluzz ta' ġo fiha huma unikament adattati għall-Baħar Baltiku.*

Emenda 5
Premessa 4 a (ġdida)

***(4a) Fid-deċiżjonijiet li ħa, il-Kunsill ma mexiex fuq id-dispożizzjonijiet tal-pjan ta' l-IBSFC ta' l-2003 rigward l-istabbiliment ta' TACs.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kunsill adotta b'mod konsistenti TACs li kienu għoljin wisq.*

Emenda 6
Premessa 4 b (ġdida)

***(4a) Għalkemm il-bidla fil-klima u t-tniġġis ikkawżaw bidliet sinifikanti fl-ekosistema tal-Baħar Baltiku, l-aktar theddidiet serji għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku huma l-kwoti ġenerużi wisq għas-sajd allokati fil-passat u s-sajd illegali, b'dan ta' l-aħħar ikun dovut għal nuqqas ta' kontroll ta' l-attivitajiet tas-sajd u għal nuqqas ta' rieda biex jittieħdu proċeduri legali kontra l-ksur tar-regolamenti attwali.***

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sajd illegali hu problema serja, iżda daqstant ieħor huma l-kwoti ġenerużi. Projbizzjoni temporanja fuq is-sajd għaż-zona ta' mmaniġġjar tal-lvant (Suddiviżjonijiet ta' l-ICES 25 sa*

*32) tidher li hi l-unika għażla sikura sabiex l-istokkijiet jirkupraw. Fl-2005, il-qabdiet fil-parti tal-punent kienu ta' 25 000 tunnellata u fil-parti tal-lvant kienu ta' 40 000 tunnellata. Mandankollu l-opinjoni tar-riċerkatur hi li fil-parti tal-lvant din kellha tkun żero. Ir-relazzjoni bejn sajd legali u sajd illegali turi li s-sajd illegali jirrappreżenta madwar 40% tas-sajd kollu.*

Emenda 7
Premessa -5 (ġdida)

| | |
|---|---|
| | ***(-5) Skond l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, il-Kunsill irid jadotta, bħala prijorità, pjanijiet ta' rkupru għall-industriji tas-sajd li jisfruttaw stokkijiet li jinsabu barra l-limiti bijoloġiċi ta' sikurezza.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Għalhekk, il-pjan għall-istokk tal-merluzz fis-Suddiviżjonijiet 25-32 għandu jkun pjan ta' rkupru bir-rekwiżiti kollha inklużi fir-Regolament 2371/2003.*

Emenda 8
Premessa 5

| | |
|---|---|
| (5) Regulation (EC) No 2371/2002 requires *inter alia* that***, to achieve that objective, the Community is to apply the precautionary approach in taking measures to protect and conserve the stock, to provide for its sustainable exploitation and to reduce to a minimum the impact of fishing on marine ecosystems. It should aim at a progressive implementation of an ecosystem-based approach to fisheries management, and should contribute to efficient fishing activities within an economically viable and competitive fisheries industry, providing a fair standard of living for those who depend on fishing Baltic cod and taking the interests of consumers into account.*** | (5) ***L-Artikolu 5(3) tar-***Regolament (KE) Nru 2371/2002 fost l-oħrajn jirrikjedi li ***l-pjanijiet ta'rkupru (i) għandhom jitfasslu fuq bażi ta' l-approċċ prekawzjonarju, (ii) għandhom jiżguraw sfruttament sostenibbli ta' l-istokkijiet u li l-impatt ta' l-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar jinżamm fuq livelli sostenibbli u (iii) għandhom ikunu plurijennali u jindikaw il-perjodu ta' żmien mistenni biex jintlaħqu l-miri stabbiliti.*** |

Emenda 9
Premessa 9

| | |
|---|---|
| (9) ***To ensure stability in the fishing*** | (9) ***Sabiex ikun evitat li tikkrolla l-*** |

| | |
|---|---|
| ***possibilities, it is appropriate to limit the variation in the TACs from one year to the next.*** | ***industrija tas-sajd u jkun iffaċilitat rkupru malajr tal-livelli ta' l-istokkijiet li jkunu biżżejjed biex isostnu TAC akbar, huwa importanti li t-tfassil ta' TACs ikun konsistenti mal-parir ta' l-ICES.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-UE tgħid li qed issegwi parir xjentifiku u l-parir xjentifiku mill-ICES ġie maqbuż kontinwament, b'riżultat li llum il-ġurnata l-istokk naqas sew.*

Emenda 10
Artikolu 4, punt 2

| | |
|---|---|
| 2) ***0.3*** on ages 4 to 7 years for the cod stock in Subdivisions 25 to 32. | 2) ***0*** għall-etajiet minn 4 sa 7 snin għall-istokk tal-merluzz fis-Suddiviżjonijiet 25 sa 32. |

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-parir xjentifiċi tagħhom, l-esperti esprimew tħassib serju dwar it-tnaqqis mgħaġġel ta' l-istokkijiet tal-merluzz fiz-zona ta' mmaniġġjar tal-lvant u għalissa pproponew projbizzjoni totali fuq is-sajd biex jippermettu lill-istokkijiet jirkupraw. Aħjar ikun hemm projbizzjoni totali għall-pajjiżi kollha fl-istess ħin, milli f'perjodi differenti għal pajjiżi differenti, sabiex tippermetti l-irkupru tal-merluzz. Waqt projbizzjoni totali, is-sajd illegali jkun impossibbli li jsir.*

Emenda 11
Artikolu 6

| | |
|---|---|
| 1. The Council shall adopt the TAC for the cod stocks concerned that, according to a scientific evaluation carried out by the Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries (STECF), ***is the higher of:*** | 1. Il-Kunsill għandu jadotta t-TAC għall-istokkijiet tal-merluzz ikkonċernat li, skond evalwazzjoni xjentifika li saret mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għall-Industrija tas-Sajd (STECF), ***tirriżulta fi kwantitajiet ta' ħut matur fil-baħar li jkunu akbar mill-ammonti definiti fl-Artikolu 4(1).***<br><br>***Jekk l-evalwazzjoni xjentifika turi li dan ikun il-każ, il-Kunsill għandu jadotta t-TAC li tirriżulta fil-livell tar-rata ta' mortalità minħabba s-sajd iddefinita fl-Artikolu 4(2).***<br><br>***Jekk l-evalwazzjoni xjentifika turi li dan ma jkunx il-każ, il-Kunsill għandu jadotta*** |

| | |
|---|---|
| | ***t-TAC li hija l-inqas possibbli.*** |
| ***(a) the TAC that would result in a 10% reduction in the fishing mortality rate in its year of application compared to the fishing mortality rate estimated for the preceding year.*** | |
| ***(b) the TAC that would result in the level of fishing mortality rate defined in Article 4.*** | |
| 2. Where the application of paragraph 1 would result in a TAC that exceeds the TAC for the preceding year by more than 15%, the Council shall adopt a TAC which is 15% greater than the TAC of that year. | 2. Meta l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 tirriżulta f'TAC li *taqbeż lit*-TAC tas-sena ta' qabel b'aktar minn 15%, il-Kunsill għandu jadotta TAC li hija 15% akbar mit-TAC ta' dik is-sena. |
| ***3. Where the application of paragraph 1 would result in a TAC that is more than 15% below the TAC of the preceding year, the Council shall adopt a TAC which is 15% less the TAC of that year.*** | |
| ***4. Paragraph 3 shall not apply where a scientific evaluation carried out by the STECF shows that the fishing mortality rate in the year of application of the TAC will exceed a value of 1 per year from the ages 3 to 6 years for the cod stock in Subdivisions 22, 23 and 24 or a value of 0.6 per year for the ages 4 to 7 years for the cod stock in Subdivisions 25 to 32.*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni tipproponi li t-TACs m'għandhomx jitnaqqsu b'aktar minn 15% fis-sena, imma f'każijiet fejn l-istokkijiet tnaqqsu ħafna u jkunu jinsabu fi bżonn urġenti ta' miżuri ta' konservazzjoni, stennija fit-tul tista' sservi ta' żieda ta' riskju għall-istokk.*

Emenda 12
Artikolu 8, paragrafu 1, punt (b)

| | |
|---|---|
| ***(b) from 15 June to 14 September in Subdivisions 25 to 27.*** | ***Fis-Suddiviżjonijiet 25 sa 32 m'għandu jiġi permess l-ebda sajd.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hi marbuta ma' l-emenda tas-Sra Brepoels u tas-Sur Wijkman għall-Artikolu 4, punt 2.*

Emenda 13
Artikolu 8, paragrafu 6 a (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***6a. B'deroga mir-regoli dwar id-daqs minimu tal-merluzz li jittella' l-art kif stipulati fl-Artikolu (KE) Nru 2187/2005, id-daqs minimu tal-merluzz li jittella' l-art fis-Suddiviżjonijiet 22 u 32 għandu jkun ta' 40 ċm.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Biex ikunu msaħħa l-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku, hu meħtieġ li jkunu emendati r-regoli dwar id-daqs minimu tal-merluzz fil-Baħar Baltiku. Meta d-daqs minimu permess jiżdied għal 40 ċm, il-merluzz jiġi mogħti aktar opportunitajiet li jnissel u b'hekk jissaħħaħ l-istokk.*

Emenda 14
Artikolu 11, paragrafu 2

| | |
|---|---|
| 2. Member States shall issue the special permit for fishing for cod referred to in paragraph 1 only to Community vessels holding in 2005 a special permit for fishing for cod in the Baltic Sea in accordance with point 6.2.1 of Annex III to Council Regulation (EC) No 27/2005 of 22 December 2004 fixing for 2005 the fishing opportunities and associated conditions for certain fish stocks and groups of fish stocks, applicable in Community waters and, for Community vessels, in waters where catch limitations are required. However, a Member State may issue a special permit for fishing for cod to a Community vessel, flying the flag of that Member State, not holding a special fishing permit in 2005 if it ensures that at least ***an*** equivalent capacity, measured in kilowatts (kW), is prevented from fishing in the Baltic Sea with any gear referred to in paragraph 1. | 2. L-Istati Membri għandhom joħorġu biss permess speċjali għas-sajd tal-merluzz kif imsemmi fil-paragrafu 1 lill-dgħajjes tal-Komunità li fl-2005 kellhom permess speċjali għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar Baltiku skond il-punt 6.2.1 ta' l-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 27/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 li jistipula l-opportunitajiet ta' sajd ta' l-2005 u kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-*ibħra* tal-Komunità u, *għad*-dgħajjes tal-Komunità, *fl-ibħra* fejn limitazzjonijiet bħal dawn huma meħtieġa. Madankollu, Stat Membru jista' joħroġ permess speċjali għas-sajd tal-merluzz lil dgħajsa tal-Komunità, li tkun ittajjar bandiera ta' dak l-Istat Membru, u li ma kelliex permess speċjali għas-sajd fl-2005, jekk jiżgura li ta' l-anqas il-kapaċità ekwivalenti ***mmultiplikata għal 1.2 darbiet***, imkejla f'kilowatts (kW), mhix permessa li twettaq sajd fil-Baħar Baltiku bi kwalunkwe tagħmir imsemmi fil-paragrafu 1. |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan inaqqas il-kapaċità eċċessiva fil-flottot Baltiċi li huma ddedikati għall-merluzz.*

Emenda 15
Artikolu 11, paragrafu 2 a (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***2a. Il-kapaċità ekwivalenti msemmija f'paragrafu 2 ma tistax tinkludi dgħajjes li ġew dekummissjonati permezz ta' għajnuna finanzjarja pubblika.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-flotot fil-Baltiku ddedikati għall-merluzz huma kbar wisq, għalhekk dan ikun mod kif titnaqqas il-kapaċità.*

Emenda 16
Artikolu 25, paragrafu 4 a (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***4a. Kull sena l-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ddettaljata tal-kontroll u l-monitoraġġ ta' l-Istati Membri, u tas-sanzjonijiet kontra s-sajjieda li jiksru d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament. Dan ir-rapport għandu jsir pubbliku u għandu jindika b'mod ċar kemm l-Istati Membri jkunu għamlu suċċess fl-applikazzjoni ta' dan ir-regolament u fejn il-miżuri ta' l-Istati Membri jkunu rnexxew jew fallew.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Hija r-responsabilità ta' l-Istati Membri li jassiguraw il-konformità ma' dan ir-regolament. Evidentement hemm nuqqasijiet serji bil-kontrolli tagħhom bħalissa, li huma ta' ħsara għall-istokk tal-ħut u għall-ambjent sensittiv tal-Baħar Baltiku. Peress li l-Kummissjoni m'għandhiex l-abbiltà diretta li tikkontrolla kif l-Istati Membri jkunu konformi ma' dan ir-regolament, il-metodu li bih jissemmew dawk l-Istati Membri li jaqdu dmirhom sewwa u dawk li ma jaqdux dmirhom sewwa jista' jitfa' l-iżviluppi fid-direzzjoni t-tajba.*

Emenda 17
Artikolu 27, paragrafu 2 a (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-possibilità li l-Baħar Baltiku jsir zona pilota għall-ittestjar tas-sistema tal-kwoti*** |

***individwali trasferibbli (ITQ) għall-merluzz bil-ħsieb li tkun żviluppata sistema sostenibbli għas-sajd għall-merluzz għal medda twila ta' żmien. Dan għandu jsir id f'id ma' l-evalwazzjoni ta' dan ir-regolament, tliet snin wara li dan ir-regolament ikun daħal fis-seħħ. Ir-riżultat ta' dan l-eżami għandu jkun meqjus meta jkun stabbilit xi pjan ġdid.***

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sistema tal-kwota individwali trasferibbli (ITQ) irriżultat effettiva fil-ħarsien ta' l-istokkijiet tal-ħut u billi għinet lis-sajjied ikompli jaqla' ħobżu. L-ITQs jagħtu drittijiet individwali għas-sajd billi jagħtu lis-sajjieda kwota individwali għal kull speċi, għal kull zona tas-sajd u għal kull sena. Għall-ewwel il-kwota totali hija stabbilita minn awtorità xierqa u hija sussegwentement stabbilita skond il-proposti magħmula mill-organizzazzjonijiet tas-sajjieda stess. Dan isaħħaħ l-inċentivi tas-sajjied innifsu biex jimmaniġġja l-istokkijiet tal-merluzz b'mod sostenibbli.*

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Pjan plurijennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u l-industriji tas-sajd li jisfruttaw dawn l-istokkijiet |
| **Referenzi** | COM(2006)0411 - C6-0281/2006 - 2006/0134(CNS) |
| **Kumitat responsabbli** | PECH |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>7.9.2006 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Christofer Fjellner<br>5.10.2006 |
| **Eżami fil-kumitat** | 20.11.2006 27.2.2007 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 27.2.2007 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 53<br>-: 1<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Adamos Adamou, Georgs Andrejevs, Pilar Ayuso, Irena Belohorská, Johannes Blokland, John Bowis, Frieda Brepoels, Hiltrud Breyer, Martin Callanan, Dorette Corbey, Chris Davies, Avril Doyle, Jill Evans, Anne Ferreira, Karl-Heinz Florenz, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jens Holm, Dan Jørgensen, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Holger Krahmer, Urszula Krupa, Jules Maaten, Linda McAvan, Alexandru-Ioan Morţun, Riitta Myller, Péter Olajos, Miroslav Ouzký, Antonyia Parvanova, Frédérique Ries, Guido Sacconi, Daciana Octavia Sârbu, Carl Schlyter, Richard Seeber, Kathy Sinnott, Bogusław Sonik, María Sornosa Martínez, Thomas Ulmer, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Anders Wijkman |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Christofer Fjellner, Milan Gaľa, Jutta Haug, Karin Jöns, Henrik Lax, Jiří Maštálka, Andres Tarand, Radu Ţîrle |
| **Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Elisa Ferreira, Catherine Stihler |